TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 83/10

**Mario Ciappara**
**vs**
**Eleganza Footwear**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Frar, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tnejn u erbgħin ewro u għoxrin ċenteżmi (€42.20), rappreżentanti prezz ta' papoċċ u żarbun illi wara li ntużaw, wara ftit żmien, it-tnejn ġralhom il-ħsara.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara papoċċ u żarbun, u wara ftit żmien li ntużaw, it-tnejn ġralhom il-ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehrietx għas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-ħin tas-seduta kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li spezzjona ż-żarbun u l-papoċċ in kwistjoni, jinnota illi mhuwiex ġust illi jkun hemm kawża kontra persuna u la jindenja ruħu li jattendi għas-seduta u lanqas jirrispondi bil-miktub.

It-Tribunal pero' jinnota illi ż-żraben tqattgħu malajr.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tnejn u erbgħin ewro u għoxrin ċenteżmi (€42.20), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**